**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Numru 5

**Appell Nru. 58/2018**

**Franco Busuttil**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Franco Busuttil tal-14 ta' Awwissu 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta' Lulju 2018 rigward hlas ta' multa ta' €50,000 skont l-avviz dwar post decision requirements tal-10 ta' Jannar 2017 wara l-approvazzjoni tal-PA 2097/15 'correction of site and to sanction alterations and amendments carried out on existing residence. Proposed pool' fil-Bidnija, San Pawl il-Bahar;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan huwa appell kontra l-imposizzjoni ta' multa ta' Eur 50,000 skont l-Avviz ta' hlas tal-10 ta' Jannar 2017, wara li l-Kummissjoni tal-Ippjanar approvat l-izvilupp propost fl-applikazzjoni PA 2097/15.

Illi l-aggravji huwa s-segwenti:
1. Illi l-applikant ma naghtax l-opportunita u zmien adegwat sabiex jiddiskuti jew jikkontesta l-multa quddiem il-Kummissjoni, tant li l-istess Kummissjoni ma mponietx hlas ta' multa meta giet deciza l-appplikazzjoni;
2. Illi hemm nuqqas car ta' procedura meta l-avviz ma giex prezentat minn naha tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar skont id-dettami tal-Artikolu 105 tal-Kap 552;
3. Illi l-multa hija wahda eccessiva u rragenevoli skont l-istess Artikolu 105 tal-Kap 552;

Illi l-Awtorita' sostniet illi l-ligi hija cara f'kaz ta' multa ta' kompromess li tista tigi mposta mill-Awtorita' temmen 'li persuna kmmoetttiet reat kontra dan l-Att', b'dan illi l-ammont tal-multa huwa diskrezzjonali fuq l-Awtorita' skont l-Artikolu 105 tal-Kap 552. Dan l-artikolu jaghti lill-Awtorita' zewg parametri ghall-imposizzjoni ta' multa ta' kompromess, u cioe' l-ewwel it-twemmin li persuna tkun ikkomettiet reat kontra l-Kap 55 u t-tieni l-kwantu tal-multa li ma teccediex il-massimu ta' Eur 50,000.

Konsiderazzjonijiet:
Fir-rigward tal-ewwel aggravju, dan mhux fis-sewwa peress li l-appellant kien dejjem mgharraf fil-process tal-applikazzjoni qabel id-decizjoni finali bil-procedura li qed tigi segwita permezz tal-case officer report [Vide case officer report a fol 104 fl-inkartament tal-PA 2097/15, b'referenza ghall-ewwel paragrafu ta' tali dokument, ossia paragrafu numru 1, fil-parti ta' 'Additinal Notes'], liema qed jindika dawk ir-regolamenti u multi dovuti f'kaz li tintlaqa' l-applikazzjoni ta' sanzjonar.

It-tieni aggravju huwa korrett billi d-decizjoni finali ma nghatax mill-Kumitat Ezekkutiv, izda mill-Kummissjoni tal-Ippjanar. It-Tribunal pero ma jarax li dan id-difett procedurali huwa tali li ghandu jrendi l-imposizzjoni ta' multa ineffettiva jew nulla. Dan tenut kont li l-applikazzjoni hija wahda ta' sanzjonar illi bil-ligi ggib imposizzjoni ta' multi amministrattivi skont id-dispost tal-Artikolu 103 tal-Kap 552, u r-regolamenti relattivi [LS 552.24 u LS 552.25]. Hija r-referenza tal-Artikolu 105 fl-Avviz in mertu li hija wahda skorretta imma mhux li l-izvilupp kif approvat tenut talba ta' sanzjonar ma jimmeritax mposizzjoni ta' multa skont il-ligi.

Sabiex pero jigi sodisfatt it-tielet aggravju, ikun ekwu fil-konfront tal-appellanti li l-applikazzjoni tigi rimessa lura fi stadju ta' wara d-decizjoni tal-Kummissjoni sabiex jigi formalment avzat mill-Kummissjoni bil-kalkolazzjoni ta' multi applikabbli.

Ghalhekk it-Tribunal qed jilqa' limitatament dan l-appell billi jiddikjara null l-Avviz ta' hlas tal-multa tal-10 ta' Jannar 2017 firrigward biss ghal multa dovuta, u qed iregga lura l-applikazzjoni sabiex jigi determinat il-multa applikabbli skont il-ligi.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Illi l-Kummissjoni ma tatx l-opportunita lil appellant sabiex jiddefendi lilu innifsu qabel giet imposta l-multa fid-decizjoni bla ma giet dibattuta, spjegata u gustifikata u dan meta tqis li l-multa imposta kienet il-massimu li taghti l-ligi. It-Tribunal qies li l-fatt li fil-case officer report hemm indikat li kellha tigi imposta multa, dan kien taghrif bizzejjed ghall-appellant biex jiddefendi ruhu. L-appellant jissottometti li t-Tribunal ma qies sew l-aggravju ghax il-case officer report lanqas biss jindika l-ammont tal-multa;

2. L-appellant ressaq aggravju li l-multa imposta mill-Kummissjoni taht l-artikolu 105 ma setghetx tigi imposta minnu izda mill-Kunsill Ezekuttiv li hi entita differenti u regolata b'mod differenti fil-Kap. 552. Ghalkemm it-Tribunal sab li l-appellant kien korrett, u laqa' l-aggravju pero fl-istess waqt qies li d-decizjoni tal-impozizzjoni tal-multa kellha tigi regolata taht l-artikolu 103 u baghtet l-atti lura biex id-decizjoni tal-impozizzjoni tal-multa tigi korretta mill-Awtorita. L-appellant isostni li qatt ma tqajmet tali sottomissjoni mill-Awtorita u t-Tribunal ma setghax jaghti direzzjoni lil Awtorita x'kellha taghmel. It-Tribunal kellu jilqa' l-aggravju u jannulla d-decizjoni u jieqaf hemm.

**It-tieni aggravju**

Hu utili li jigi deciz dan l-aggravju l-ewwel ghax jekk l-appellant ghandu ragun, ma jkunx hemm lok li jigi kunsidrat l-ewwel aggravju billi dan l-aggravju jkollu sahha biss f'kaz li t-Tribunal iddecieda sew il-kwistjoni relatata mat-tieni aggravju.

Din il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellant jimmeritah li jigi akkolt. Il-Bord tal-Ippjanar li iddecieda din l-applikazzjoni bla dubju hu entita distinta mill-Kunsill Ezekuttiv. Ghalkemm iz-zewg entitajiet jistghu jitqiesu bhala d-delegati tal-Awtorita (ara artikolu 5 tal-Kap. 552) pero huma zewg entitajiet b'doveri u poteri distinti tant li l-Kapitolu 552 stess jaghti deskrizzjoni dettaljata tal-poteri u doveri tal-Kunsill Ezekuttiv regolata bl-artikoli 36 sa 39 u dawk tal-Bord tal-Ippjanar regolata bl-artikolu 63 sa 69. Fid-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar apparti li approva l-applikazzjoni, pero fl-istess waqt

impona multa ta' €50,000 a bazi tal-artikolu 105 tal-Kap. 552 li baqa' jinsisti fuqha bhala legalment gusta anki quddiem it-Tribunal.

Il-poteri moghtija permezz tal-artikolu 105 tal-Kap. 552 mhux maghmula favur il-Bord tal-Ippjanar izda afdati f'idejn il-Kunsill Ezekuttiv. Ghalhekk il-Bord tal-Ippjanar li impona multa massima abbinata mal-artikolu 105 mar oltre l-poteri tieghu billi assuma drittijiet li mhux fdati lilu bil-ligi. Il-konsegwenza logika hi li l-multa ghandha tigi annullata ghax mhix fil-poteri tal-Bord li taghmilha almenu a bazi tal-artikolu 105 tal-Kap. 552 kif ghamlet. Sta ghall-Awtorita fic-cirkostanzi li tirregola ruhha f'dawn ic-cirkostanzi.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Awtorita illi peress fir-rapport tal-Bord ic-Chairman Ezekuttiv semma li ghandha tigi imposta multa qabel jinhareg il-permess u japplikaw il-provvedimenti tal- Avviz Legali 277 tal-2012, dan jiggustifika l-impozizzjoni tal-multa mill-Bord tal-Awtorita peress illi l-provvedimenti tal-Avviz Legali 277 tal-2012 japplikaw meta l-Awtorita taghti avviz bil-miktub lil persuna skond l-artikolu 93(1). Dan l-avviz legali sar fl-2012 metal l-Kap. 552 ma kienx ghadu promulgat. Il-Kap. 552 illum jaghmel distinzjoni bejn multi imposti mill-Kunsill Ezekuttiv u l-Bord b'artikoli differenti. In oltre l-istess Avviz Legali 277 tal-2012 issemmi biss il-Bord tal-Awtorita. Ghalhekk ebda paragun ma jista jsir bejn il-provvedimenti tal Avviz Legali 277 tal-2012 u l-artikoli 103 u 105 tal-Kap. 552 liema avviz legali ghandu japplika biex jikkumplimenta dak li jinsab fil-Kap. 552 mhux ibiddel dak provdut esplicitament fil-Kap. 552 li ghandu japplika kif inhu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi t-Tribunal ma setghax jerga' jibghat l-process lil Awtorita biex tirranga d-decizjoni li ittiehdet mill-Bord tal-Ippjanar, iktar u iktar meta t-Tribunal ta' parir fid-decizjoni tieghu x'kellu jaghmel il-Bord fic-cirkostanzi biex jimponi multa jekk hekk ried jaghmel, u jibghat l-atti lura biex jikkoregi d-decizjoni li ha. Din mhix funzjoni tat-Tribunal specjalment meta hadd mill-partijiet senjtament l-Awtorita ma qajmet din il-kwistjoni permezz ta' aggravju f'appell maghmul minnha. Anzi l-Awtorita sostniet li l-imposizzjoni tal-multa a bazi tal-artikolu 105 tal-Kap. 552 kienet regolari u skont il-ligi meta fil-fehma tal-Qorti, dan mhux il-kaz. It-Tribunal ma setghax ibiddel decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar billi jitlobha taghmel korrezzjoni. Jekk il-Bord ghamel

zball ta' ligi, irid isewwih hu mhux it-Tribunal meta l-istess Tribunal hu rinfaccat b'aggravju fuq in-nullita tal-istess parti tad-decizjoni ghax legalment erronja. It-Tribunal hu marbut bl-aggravju tal-appell u hu l-aggravju li jrid jiddeciedi.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh.

**Decide**

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-appellant u konsegwentement tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta' Lulju 2018 billi tikkonfermaha fejn iddikjarat null u bla effett l-avviz tal-hlas tal-multa tal-10 ta' Jannar 2017, u tirrevokaha meta t-Tribunal regga' lura l-applikazzjoni biex tigi determinata l-multa applikabbli skont il-ligi. Spejjez ghall-Awtorita.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur